MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 157/2009

**LAMBUSA MARITIME COMPANY LIMITED** (C-39329)

vs

**FREIGHTZONE (MALTA) LIMITED** (C-26361)

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Frar, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-kumpannija attriċi ġarrbet danni minħabba li l-kumpannija mħarrka naqset li żżomm f'kundizzjoni tajba kunsinna ta' ħut li din tal-aħħar kellha tieħu ħsieb tittrasporta minn Malta għal Ċipru f'Novembru tal-2008; (b) tillikwida d-

danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan; (ċ) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha d-danni hekk likwidati; (d) issib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallasha s-somma ta' erbat elef mija u tlieta u disgħin euro (€ 4,193) rappreżentanti depożitu mħallas fuq *containers* li l-kumpannija mħarrka kellha tħallasha lura; u (e) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas is-somma ta' erbat elef mija u tlieta u disgħin euro (€ 4,193) bħala rifużjoni hekk minnha dovuta. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Marzu, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fil-25 ta' Marzu, 2009, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepiet il-ġudikat. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet għal kollox il-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi jew li kien hemm xi ftehim kif allegat. Ċaħdet ukoll kull responsabbilta' dwar iż-żamma tal-kunsinna tal-ħut u dwar it-talba għar-rifużjoni tad-depożitu tal-*containers* billi qalet li mhix il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjoni attriċi f'dan ir-rigward;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-7 ta' Mejju, 2010[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2010[2], li bih u fuq talba magħmula mill-kumpannija mħarrka b'rikors tagħha tat-13 ta' Mejju, 2010, ħalliet li jitressaq appell mill-imsemmija sentenza għal quddiem il-Qorti tal-Appell;

[1] Paġġ. 66 – 74 tal-proċess
[2] Paġ. 80 tal-proċess

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju, 2011[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-appell tal-kumpannija mħarrka dwar il-ġudikat limitatament dwar l-ewwel tliet talbiet attriċi, u ċaħditu dwar it-talbiet attriċi l-oħrajn;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u kif ukoll dik bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2012[4], li bih tat żmien lill-kumpannija attriċi biex tressaq il-provi dokumentali b'għeluq tal-provi min-naħa tagħha u tat lill-kumpannija mħarrka żmien biex tressaq il-provi tagħha bl-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Jannar, 2013[5], li bih ċaħdet talba tal-kumpannija attriċi b'rikors tagħha tat-23 ta' Novembru, 2012, biex tħalliha tressaq provi dokumentali minkejja li l-kumpannija mħarrka kienet għalqet il-provi tagħha;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Frar, 2013[6], li bih u fuq talba tal-avukat tal-kumpannija attriċi tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat li l-kumpannija attriċi baqgħet ma ressqet l-ebda sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-23 ta' Mejju, 2013[7];

[3] Paġġ. 100 – 112 tal-proċess
[4] Paġ. 122 tal-proċess
[5] Paġ. 136 tal-proċess
[6] Paġ. 140 tal-proċess
[7] Paġġ. 142 – 4 tal-proċess

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-verbal magħmul mill-avukat tal-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-25 ta' Ġunju, 2013, li bih iddikjara li ma kellux sottomissjonijiet jew kummenti x'jagħmel għas-sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fin-nota tagħha;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2013, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' danni mġarrba u rifużjoni ta' ħlas magħmul b'depożitu akkont. Il-kumpannija attriċi tgħid li kienet daħlet fi ftehim mal-kumpannija mħarrka għall-ġarr ta' merkanzija (ħut) lejn pajjiż ieħor u ħallset depożitu għal tali ġarr. Tgħid li bi ħtija tal-kumpannija mħarrka, l-ħut ma nżammx fil-kesħa u tħassar u b'hekk hi ġarrbet danni minħabba n-nuqqasijiet tal-kumpannija mħarrka. Trid li tagħmel tajjeb għal din il-ħsara u li l-kumpannija mħarrka tħallasha lura somma rappreżentanti depożitu mħallas b'rabta ma' użu ta' *containers*;

Illi għal din l-azzjoni, l-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li l-kwestjoni mqanqla mill-kumpannija attriċi ma tistax titqajjem aktar minħabba li dwarha hemm sentenza mogħtija bejn l-istess partijiet u li llum saret ġudikat. Fil-mertu, ċaħdet xi ħtija dwar dak li tilminta minnu l-kumpannija attriċi u li, dwar id-depożitu għall-*containers*, ma kinitx il-persuna li messha tkun imfittxija għar-rifużjoni;

Illi bis-saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell wara s-sentenza preliminari ta' din il-Qorti dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat, l-istess Qorti tal-Appell sabet li dik il-parti tal-azzjoni tal-kumpannija attriċi li titkellem dwar il-ħlas tad-danni hija milquta bil-ġudikat maħluq b'sentenza

oħra mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta)[8]. Għalhekk dak li jifdal li l-Qorti tistħarreġ u tqis f'din il-kawża huma biss il-bqija tat-talbiet attriċi – jiġifieri r-raba' u l-ħames talbiet tagħha;

Illi b'dawk iż-żewġ talbiet, il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "Lambusa") trid li l-Qorti ssib li l-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "Freightzone") għandha tagħtiha somma bħala rifużjoni ta' depożitu mħallas minn Lambusa dwar *containers*;

Illi għal dawn it-talbiet Freightzone laqgħet billi ċaħdet li kienet hi li kien messha tħallas xi rifużjoni lil Lambusa u, f'kull każ, Lambusa qatt ma ħallsitha xi depożitu bħal dak li issa jrid jintraddilha lura;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża u li huma rilevanti għall-kwestjonijiet li din il-Qorti fadlilha x'tistħarreġ, jirriżulta li Lambusa tmexxi negozju ta' xiri ta' ħut bl-ingrossa direttament minn opri tas-sajd bil-għan li tqiegħdu fuq is-suq wara li tipproċessah u tippakkjah[9]. Ħafna minn dak il-ħut proċessat tibagħtu barra minn Malta lil klijenti tagħha;

Illi fit-tmexxija tan-negozju tagħha Lambusa kienet tinqeda bis-servizzi ta' Freighzone bħala "*customs broker*" tagħha. Din ir-relazzjoni kuntrattwali kienet mifruxa fuq medda ta' snin;

Illi Lambusa tgħid li, meta saru konteġġi bejnha u Freightzone, kien ħareġ li kien hemm bilanċ ta' erbat elef mija u tlieta u disgħin euro (€ 4,193) bħala rifużjoni ta' kontrostallija ("*demurrage*") li hija kienet ħallset dwar *containers* li nqdiet bihom biex tesporta l-ħut proċessat u li hija tgħid li Freightzone kienet naqset li troddilha lura;

Illi f'Novembru tal-2008, Freightzone kienet fetħet kawża kontra Lambusa bil-proċedura sommarja speċjali[10] għall-ħlas ta' bilanċ ta' *freight forewarding* u servizzi minnha

[8] Rik. Nru. 1160/08JZM fil-kawża fl-ismijiet "***Freightzone (Malta) Limited vs Lambusa Maritime Company Limited***" maqtugħa fis-17 ta' Frar, 2009 u mhix appellata
[9] Affidavit ta' Angelic Mifsud 30.5.2009, f'paġ. 19 tal-proċess
[10] Rik. Nru. 1160/08GV

mogħtijin lill-istess Lambusa bejn Ġunju u Ottubru ta’ dik is-sena. Il-kawża nqatgħet fis-17 ta’ Frar, 2009[11], fil-kontumaċja ta’ Lambusa. Lambusa ħallset is-somma kanoniżżata[12]. Jumejn wara li ngħatat dik is-sentenza, Lambusa fetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali jibda biex jingħad li Lambusa tippretendi li s-somma msemmija minnha hija waħda li tirrifletti bilanċ ta’ depożiti mħallsin minnha, allegatament lil Freightzone, u li l-għan tagħhom kien li jagħmlu tajjeb għaż-żamma jew dewmien li *containers* li fihom tinġarr il-merkanzija ta’ Lambusa setgħu jeħlu li kieku tgħabbew jew inħattu tard. Huwa elementari f’qagħda bħal din li Lambusa, fl-ewwel lok, turi bi prova tajba meta u kif ħallset tali depożiti, f’liema perjodu; fit-tieni lok, ladarba qiegħda tgħid li s-somma pretiża hija bilanċ, imissha turi kif waslet għal dan l-ammont bilanċjali (li jimplika li mhux kull depożitu li hija għamlet baqa’ mhux imħallas). Fit-tielet lok, trid turi għaliex dik is-somma trid titħallas minn Freightzone;

Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta’ prova fil-proċediment ċivili m’huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b’daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa iridu jkunu anqas b’saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju[13];

Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b’mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[14]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma’ dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista’ tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti

[11] Paġġ. 55 – 6 tal-proċess
[12] Xhieda ta’ Angelic Mifsud 18.2.2010, f’paġ. 58 tal-proċess
[13] Ara P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (mhix pubblikata, imma f’dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)
[14] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***

mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[15]. Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[16] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[17];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha Lambusa naqset li tipprova l-każ tagħha fil-grad meħtieġ li jwassal biex jikkonvinċi lil din il-Qorti li tilqa' t-talba tagħha. Id-dikjarazzjoni magħmula minn Angelic Mifsud fl-affidavit tiegħu dwar l-ammont pretiż minn Lambusa ma huwa msejjes bl-ebda prova konkreta. Meta kien qed jixhed quddiem il-Qorti[18] qal li, minn dokumenti li Lambusa setgħet tirrintraċċa, kien hemm tlieta u għoxrin (23) *container* li dwarhom hija iddepożitat medja ta' mitejn u ħamsa u sebgħin euro (€ 275). Issa jekk wieħed jaħdem dik is-somma fuq l-imsemmi għadd ta' *containers* ir-riżultat jisboq b'ħafna dak li Lambusa qiegħda titlob fir-raba' talba tagħha. Dan jixħet dell fuq kemm il-Qorti tista' toqgħod fuq il-pretensjoni. Dak inhar, l-istess Mifsud qal li kien qed jixhed minn dokumenti li kienu ġew f'idejh lejliet u li ntrabat li jressaqhom bħala prova biex isaħħaħ il-każ tal-kumpannija. Minkejja ż-żmien mogħti (u saħansitra mġedded għal darbtejn), Lambusa baqgħet ma ressqitx id-dokumenti li tgħid li kellha f'idejha. Ippruvat titlob lill-Qorti l-permess li tressaqhom wara li Feightzone kienet għalqet il-provi tagħha u din il-Qorti dehrilha li ma kellhiex tilqa' t-talba tagħha għaliex dan kien iġib żvantaġġ mhux mistħoqq lill-parti l-oħra;

Illi minbarra dan, tressqu provi[19] li juru li d-depożitu għall-kontrostallija kien jinżamm mill-aġent li jkun ġab il-*container* u kull rifużjoni tintbagħat lill-kunsinnatarju mingħand dak l-aġent. Freightzone tgħid li hija qatt ma żammet depożiti bħal dawk għandha, ukoll minħabba l-fatt li xogħolha ma kellux x'jaqsam mal-aġenzija. Hawnhekk

---

[15] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[16] Art. 562 tal-Kap 12
[17] Art. 559 tal-Kap 12
[18] Xhieda tiegħu 7.3.2012, f'paġ. 118 tal-proċess
[19] Xhieda ta' John Żerafa 11.12.2012, f'paġġ. 130 – 1 tal-proċess

ukoll, il-Qorti tara li ma ntwerietx rabta bejn il-pretensjoni ta' Lambusa u l-obbligi ta' Freightzone;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li ma tistax tilqa' t-talba ta' Lambusa dwar ir-rifużjoni tad-depożiti għaliex ma tressqux provi tajbin biex iwassluha għall-konvinċiment li dik il-pretensjoni hija mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka billi hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi** billi ma ntweriex bi provi tajba biżżejjed li l-kumpannija attriċi għandha titħallas is-somma minnha pretiża u lanqas li l-kumpannija mħarrka jmissha tħallasha dik is-somma;

**Tordna** li l-kumpannija attriċi tħallas **l-ispejjeż dwar dawn iż-żewġ talbiet**, filwaqt li l-ispejjeż dwar it-talbiet l-oħrajn u dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat jitħallsu kif ordnat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Mejju, 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------